MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 540/1994/2

**LUI JUN u Francis Tabone ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Leisure Clothing Limited u b'nota tas-26 ta' Novembru, 1999 Han Bin nomine assuma l-atti in rappresentanza tas-socjeta' Leisure Clothing Ltd flok Lin Jun u Francis Tabone li rrizenjaw minn Diretturi tas-socjeta' Leisure Clothing Ltd.**

vs

**ULRICH SALOMO ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Marque Noire Fashion Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni presentata mis-socjeta' attrici fl-20 ta' April, 1994 li biha ppremettiet li tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' erbatax il-elf mija tnejn u tmenin lira Maltin, sita u sittin centezmu (LM14,182.66,0) u dan prezz ta' xoghol ta' abbiljament prodott akkont tas-socjeta' konvenuta u fornut lilha u dan in forza ta' kuntratt ta' appalt tas-17 ta' Lulju, 1992, kopja ta' liema kuntratt

qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument A, liema xoghol jinsab sallum mhux imhallas;

Ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta qieghda tirrifjuta li thallas l-imsemmija somma fuq pretestia li huma infondati u bla bazi kemm fattwali u kemm legali u dan kif jigi ppruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbet ghalhekk biex ighid il-konvenut nomine ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1) tikkundannah ihallas is-somma ta' erbatax il-elf, mija tnejn u tmenin lira Maltin, sitta u sittin centezmu (LM14,182.66,0) prezz ta' xoghol ta' abbiljament prodott akkont tas-socjeta' konvenuta u fornut lilha in forza ta' kuntratt ta' appalt tas-17 ta' Lulju, 1992 (Dokument A), xoghol li jinsab sallum mhux imhallas.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-dati tar-rispettivi konsenji kontra l-konvenut nomine li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepixxa bir-rispett:

Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut qed jagixxi konformament mal-ftehim li kellu ma' l-attur u huwa l-istess attur li kiser il-ftehim u rreka danni lill-konvenut, tant illi qed tittiehed din l-opportunita' sa biex tigi ntavolata l-apposita kontro-talba;

Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet moghtija hawn fuq, *in ogni caso*, l-ammont pretiz huwa aktar minn dak li jista' jigi mitlub skond il-ftehim kieku x-xoghol sar kif suppost u ghalhekk huwa kkontestat ukoll;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta li esponiet bir-rispett:

1. Peress illi s-socjeta' rapprezentata mill-attur bl-agir taghha bi ksur tal-ftehim tas-17 ta' Lulju, 1992 ikkwazat danni lill-konvenut konsistenti f'telf ta' kuntratt sostanzjali mad-ditta estera Ouiset GmbH, liema telf fisser tnaqqis serju fid-dhul tal-konvenut u konsegwentement fil-profitti tieghu;

2. Peress illi it-telf tal-kuntratt imsemmi gara unikament minhabba l-agir ta' l-attur bi ksur ta' l-imsemmi ftehim;

Ighid ghalhekk l-attur rikonvenut f'din il-procedura ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma ghandhiex;

1. Tiddikjara lill-attur rikonvenut unikament responsabbli ghad-danni li sofra l-konvenut;
2. Tillikwida d-danni ikkawzati mill-attur rikonvenut u sofferti mill-konvenut anke permezz ta' periti nominandi u

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-konvenut.

Bl-ispejjes u imghax skond il-ligi kontra l-attur rikonvenut imharrek minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta fejn eccepixxiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu michuda bl-ispejjes kontra l-konvenut rikonvenzjonant *nomine* stante illi ma huwiex minnu illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonata bl-agir taghha kisret il-ftehim tas-17 ta' Lulju, 1992 u lanqas ma huwa minnu illi s-socjeta' rikonvenzjonata bl-agir taghha kkawzat xi danni lill-konvenut rikonvenzjonant nomine u dan kollu kif jigi ppruvat f'aktar dettal waqt it-tratazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Ezaminat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet li gew skambjati bejn l-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, s-socjeta' attrici li kienet tiggestixxi fabbrika tat-tessuti, qed titlob il-hlas ta' Lm14,182.66 rappresentanti l-prezz tax-xoghol li hi wettqet a karigu tas-socjeta' konvenuta. Dan ix-xoghol kien jinghata lilha wara ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet skond skrittura tas-17 ta' Lulju, 1992. Is-socjeta' mhix qed tichad li din is-somma setghet kienet dovuta, izda qed tinvoka klawsola erba tal-ftehim fuq imsemmi li, in forza taghha, gie stipulat li s-socjeta' konvenuta tista' ma thallasx ghax-xoghol li jkun sar, u zzomm il-flus "*in lieu of damages*" f'kaz li s-socjeta' attrici tikser l-istess ftehim. Is-socjeta' konvenuta qed tallega li s-socjeta' attrici kissret dak il-ftehim bi tlett modi: (i) ix-xoghol imwettaq kien ta' kwalita' hazina; (ii) kien hemm ittardjar fil-kunsenja tax-xoghol; u (iii) kien hemm sub-appalt tax-xoghol meta dan kien specifikatament projbit fil-ftehim. Is-socjeta' konvenuta mhux kuntenta li zzomm il-hlas mitlub, izda trid aktar minn hekk ghax qed tallega li sofriet danni kbar, ferm akbar mis-somma li qed titlob is-socjeta' attrici f'din il-kawza. Is-socjeta' konvenuta, fil-fatt, resqet kontra-talba fejn qed titlob li tithallas id-differenza biex jigi risarcit lilha d-danni kollha li hi soffriet.

Il-pretensjoni tas-socjeta' attrici giet konfermata mid-Direttur tas-socjeta' attrici, certu Han Bin. Kif inghad is-socjeta' konvenuta mhux qed tichad l-ezistenza ta' dan il-kreditu, pero', qed issostni li s-somma ghandha titqies mitlufa favur taghha in vista ta' ksur ta' ftehim.

Meta xehed Ulrich Salomo, il-Managing Director tas-socjeta' konvenuta, hu qal li s-socjeta' tieghu kellha kuntratt ma' ditta tedeska, Qui Set, biex din tissupliha bi hwejjeg f'termini stabbiliti. Is-socjeta' konvenuta ghaddiet parti mix-xoghol lis-socjeta' attrici u rabtitha b'certi kundizzjonijiet; peress li s-socjeta' attrici waqghet lura fuq il-produzzjoni, is-socjeta' konvenuta ma setghetx tlahhaq is-*supply* li hi riedet taghmel lis-socjeta' estera, bir-rizultat li din itterminat il-kuntratt li kellha mas-socjeta' konvenuta, u peress li s-socjeta' estera kienet dak iz-zmien, l-unika klient taghha, meta tilfet l-kuntratt, sofriet telf kbir u kellha anke tkecci 90% tal-haddiema taghha. Apparti dan it-telf finanzjarju, il-kumpanija tilfet l-isem u l-kredibilita' taghha specjalment fis-suq tedesk.

Fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta' konvenuta irnexxielha tipprova t-tlett ilmenti li fuqhom qed tibbaza l-allegazzjoni ta' ksur tal-ftehim. Li x-xoghol kien ta' kwalita' hazina jirrizulta pruvat mix-xhieda precisa u dettaljata li taw kemm Ulrich Salomo kif ukoll Isabelle Fiorentino. Dawn spjegaw fid-dettal in-nuqqasijiet li kienu jiskontraw fi-hwejjeg, u ghalkemm Isabelle Fiorentino kienet tigbed l-attenzjoni tad-diregenti tas-socjeta' attrici ghal dawn id-difetti, ix-xoghol baqa' johrog l-istess. Dawn id-difetti jirrizultaw pruvati wkoll mill-fatt li d-ditta tedeska, Qui Set, kienet iccarggjat lid-ditta konvenuta ta' l-ispejjes li hi kienet tirrikorri biex tirrimedja ghal dawn id-difetti. Kif spjegat Isabelle Fiorentino, ma kienx dejjem possibbli li, minhabba dawn id-difetti, twaqqaf il-produzzjoni, ghax ix-xoghol ikun inbeda u jkun fuq il-linja, u minhabba l-pressjoni ta' hin impost fuqhom mid-ditta estera, kellhom ihallu x-xoghol ghaddej, bl-isperanza li l-lot ta' wara jkun ahjar. Sfortunatament, id-ditta attrici ma rrangatx is-sistema taghha, sakemm, fl-ahhar, id-ditta tedeska iddejqet traqqa oggett li suppost kellu jigi supplit gdid u bla difetti, u terminat il-kuntratt.

Hafna drabi, wkoll, peress li l-konsenja kienet issir tard, ma kienx ikollhom l-opportunita' jaghmlu *spot checks* tal-konsenja, u d-ditta konvenuta kienet tibghat l-merkanzija

barra mill-ewwel, u dawn kienu mill-ewwel jiskontraw id-difetti.

Id-dewmien fil-konsenja tirizulta wkoll mix-xhieda ta' l-istess Ulrich Salomo u anke mid-dokumenti li jinsabu esebiti a fol 105 *et seq* tal-process. Dawn id-dokumenti jikkonsistu f'kopji ta' l-ordni relattiva u tad-*delivery note*. Kull ordni li kienet issir kien ikollha data meta l-konsenja kellha ssir, izda kwazi invarjabilment kull *delivery note* ta' l-ordni partikolari turi data li tmur lil hinn minn dik stabbilita. Kif spjegat Isabelle Fiorentino, is-suq tal-hwejjeg jiddependi hafna fi zmien, u l-hwejjeg in kwistjoni kienu *fashion items*, b'*life span* limitat. Iz-zmien hu, ghalhekk importanti u jekk l-oggett johrog tard fis-suq, jintilef il-bejgh tieghu. Hawnhekk ukoll, ix-xhieda jindikaw li s-socjeta' konvenuta kienet regolarment tilmenta b'dan id-dewmien, izda, ghax forsi, d-ditta attrici hadet ordnijiet aktar milli setghet tlahhaq maghhom, ix-xoghol xorta baqa' johrog tard. Apparti dan, jirrizulta wkoll li ma' xi konsenji, kien ikun hemm certi *items missing*, li ma kienux jinstabu b'rizultat ta' telf finanzjarju ghas-socjeta' konvenuta.

Irrizulta wkoll li s-socjeta' attrici, ghamlet *sub-contracting* ta certi ordnijiet. Dan ikkonfermawh l-istess Ulrich Salomo u Isabelle Firoentino, li t-tnejn kellmu lil John Borg, il-Manging Director ta-dittta Industrial Clothing Co Ltd., li kkonferma din ic-cirkustanza. Dan is-sub-appalt sar minghajr id-ditta konvenuta ma giet avzata, u din saret taf b'kumbinazzjoni. Isabelle Fiorentino marret fil-fabbrika tas-socjeta' attrici biex ticcekja ordni u ma sabithiex hemm. Saret taf li x-xoghol inghata lill-kumpanija ohra, u meta marret fuq il-lant sabet l-ordni qed tigi mahduma minn dik il-kumpanija l-ohra. Ix-xoghol li kien qed johrog minn din il-kumpanija Industrial Clothing kien ta' kwalita' inferjuri hafna, ghax din ma kienetx attrezzata tohrog hwejjeg ta' certa kwalita', u x-xoghol, kif xehed Ulrich Salomo, ma kienx *"according to our quality standard."*

Ezaminati dawn il-lanjanzi fil-kuntest tal-ftehim tas-17 ta' Lulju, 1992, issib li s-socjeta' attrici kienet obbligat ruhha

"*to adhere strictly to production, quality and design standards", "to produce a minimum of 2000 and a maximum of 5000 items of ladies clothing per week",* u *"not to sub-contract the agreement or any part thereof".* L-agir tas-socjeta' konvenuta, kif indikat aktar qabel, huwa bi ksur car ta' dawn il-kundizzjonijiet imposti fuq u accettati mis-socjeta' attrici. Il-ksur tal-ftehim, skond klawsola apposita fil-ftehim, twassal ghall-konsegwenza li s-socjeta' attrici "*may retain in lieu of damages any sums due to the contractor for garments supplied"* (klawsola erba' tal-ftehim).

Is-socjeta' attrici ppruvat targumenta li s-socjeta' konvenuta kienet konsapevoli ta' dawn id-"difetti" fl-esekuzzjoni tal-kuntratt u akwiexiet ghalihom. Din il-Qorti ma tarax li s-socjeta' konvenuta, b'xi mod, accettat jew kienet lesta taccetta dawn in-nuqqasijiet. Hi kellha kuntratt ma' kumpanija estera li riedet tonora, liema kuntratt, fuq kollox, kien jorbotha biz-zmien. Is-socjeta' attrici kienet taf b'dan ghax gie impost fuqha diversi kundizzjonijiet ta' zmien u kwalita'. Hija ripettutament kissret dawn il-kundizzjonijiet u poggiet lis-socjeta' konvenuta f'sitwazzjoni ta' darha mal-hajt fejn ippruvat, mill-mitluf, tirbah li tista'. Dan l-agir, pero', bl-ebda mod ma jista' jigi interpretat bhala akwiexenza, jew rinunzja ghad-drittijiet taghha, liema rinunzja, hu risaput, trid tkun cara, inekwivoka u turi l-intenzjoni cara tat-titolar tad-dritt li kien qed iwarrab l-istess (ara <u>"Sammut</u> <u>vs Azzopardi</u>" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Novembru, 1993, fejn intqal li l-fatt li minnu tista' tigi dezunta r-rinunzja, jrid "ikun wiehed li juri (a) il-volonta' preciza li d-dritt qed jigi abbandunat, u li (b) l-fatt huwa assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt").

Il-fatt li d-*delivery notes* jindikaw "*received in good condition*", ma jfissirx li s-socjeta' konvenuta accettat il-merkanzija fl-istat li hi, ghax kien <u>wara</u> l-konsenja li hi setghet tivverifika l-kundizzjoni tax-xoghol u tilmenta bid-difetti, kif fil-fatt ghamlet. Klawsola simili mixhuta f'*delivery note* mal-konsenja ma tistax isservi biex tezonera lil min ikun obbligat jaghmel konsenja ta' prodott ta' certa kwalita' u kondizzjoni, mir-responsabbilta' tieghu li, fil-fatt,

jiggarantixxi l-kwalita' u l-kundizzjoni patwita (ara <u>"Borg noe vs Calascione noe"</u> , deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' Mejju, 1961, li kienet ukoll titratta frazi simili *f'delivery note* ta' konsenja ta' frott li giet ukoll mwarrba mill-Qorti).

Jekk nigu issa biex nanalizzaw din il-klawsola erbgha, wiehed jinnota li l-klawsola tuza' l-kelma "*may"* u ghalhekk, f'kaz ta' ksur tal-kuntratt, is-socjeta' konvenuta setghet dejjem thallas dawk li ghandha thallas u tfittex ghad-danni li jkunu jridu jigu ppruvati. Min-naha l-ohra, jekk is-socjeta' konvenuta taghzel li zzomm il-hlas "*in lieu of damages"*, ma tistax, ukoll, titlob id-danni. Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta' konvenuta ma tistax tinvoka l-klawsola 4, u, f-istess hin, titlob danni ulterjuri.

Meta jkun hemm ksur ta' kuntratt, l-obbligat ikun responsabbli ghad-danni. Dawn id-danni jistghu jkunu jew konvenzjonali jew gudizzjali. Ta' l-ewwel huma danni pre-likwidati, fejn il-kontraenti jiftiehmu minn qabel li, f'kaz ta' ksur tal-kuntratt, id-danni rizarcibbli jkunu tant, kwantifikati minn qabel. F'dan il-kaz, dawk id-danni jkunu dovuti minghajr htiega li ssir il-prova li dawk id-danni gew fil-fatt sofferti. Min-naha l-ohra, jekk id-danni ma jkunux pre-likwidati, min jitlob id-danni, irid jipprova t-telf li hu realment ikun sofra, u dan peress li d-danni jridu jkunu reali. Id-danni, f'dan il-kaz, jigu likwidati mill-Qorti, u ghandhom ikollhom konnessjoni diretta mal-ksur invokat.

Is-socjeta' konvenuta, f'dan il-kaz, jidher li invokat klawsola erba' tal-ftehim, ghax mhux biss ma hallsitx ghall-konsenji partikolari, izda invokat dik il-klawsola fil-kors ta' din il-kawza u qed titlob l-eccess tad-danni mis-somma mitluba. Fil-fatt, is-socjeta' konvenuta mill-ewwel invokat id-dritt li ma thallasx ghall-prodott "konformament mal-ftehim", u cioe', li zzomm il-hlas dovut fid-dawl tal-ksur tal-ftehim da parti tas-socjeta' attrici. Kif jghid l-artikolu 1138 tal-Kodici Civili (Kap 16), "meta l-ftehim jistabbilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tieghu ghandha thallas somma determinata bhala danni, <u>*ma*</u>

*tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar* jew izghar."

Fil-kaz in ezami, ghalkemm il-klawsola erbgha ma tindikax somma specifika bhala danni, taghmel referenza ghal cirkostanzi facilment determinabbli u cioe', il-hlas ta' konsenji partikolari li jkunu ghadhom mhux saldati. Somma facilment determinabbli hija ekwivalenti ghal somma, ghal kull fini u effetti, determinata, u darba dik is-somma setghet tinzamm mis-socjeta' konvenuta *"in lieu of damages"*, ma tistax titlob izjed. Dik il-klawsola hi cara: il-hlas dovut jista' jinzamm, f'kaz ta' ksur tal-kuntratt, *"in lieu of damages",* u cioe', flok id-danni, u kwindi, ma tistax titlob danni ohra.
Meta zewg partijiet jiftiehmu minn qabel x'ghandhom ikunu d-danni f'kaz ta' nuqqas, dik il-konvenzjoni torbot lill-partijiet bhala espressjoni tal-volonta' libera taghhom. Gie dejjem ritenut li l-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni soggettiva taghha ghar-rieda tal-partijiet li diga' stabbilew bejniethom il-*quantum* tad-danni li l-attur isofri minhabba l-inadempjenza tal-parti l-ohra fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni assunta minnha. Meta l-partijiet jiftiehmu minn qabel l-ammont ta' danni, ma tistax ikun hemm temperament fil-*quantum,* liberament miftiehma u assunta (ara "Mifsud vs Stivala" deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1991.) L-iskop fil-fatt, ta' tali klawsoli, fi kliem il- Baudry – Lacantinerie *(Trattato Di Diritto Civile – Delle Obbligazioni – Vol I p. 542), "e' quello d'evitare le contestazioni ed I giudizi ai quali potrebbe dar luogo la liquidazione del risarcimento dei danni, e qualche volta anche di premunirsi contro l'arbitrio, inevitabile in questa materia, delle decisioni del giudice. Del resto, le parti possono, meglio d'ogni altro, valutare I propri interessi."* Jekk is-socjeta' konvenuta riedet tiriserva d-dritt li titlob danni ulterjuri, dan kellha taghmlu fil-ftehim, izda la darba kienet kuntenta li zzomm il-hlas dovut lis-socjeta' attrici f'kaz ta' danni, ma tistax titlob aktar milli d-dritt li tibqa' zzomm il-hlas li kien ikun allura dovut lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi, fl-ewwel lok, tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, u tichad it-talba attrici, bl-ispejjes relattivi jithallsu kollha mis-socjeta’ attrici, u fit-tieni lok, tilqa’ biss l-ewwel talba tal-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta, izda tichad it-tieni u t-tielet talba peress li, fic-cirkustanzi, id-danni kienu gew pre-likwidati u mehuda mis-socjeta’ konvenuta b’effett tac-cahda tat-talba attrici; l-ispejjes relattivi ghall-kontro-talba jithallsu nofs kull wiehed mill-partijiet.

**IMHALLEF**

**D/REG**